MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2009

Numru. 289/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Ronald M. Galea ta' 64 sena, iben Joseph u Antonia nee' Bonello,**
**imwieled Birkirkara fil-25 ta' Lulju, 1943 u li joqghod 'Capitol Mansions', Block B, Flat 12, Triq Mattew Pulis, Sliema, detentur**
**tal-karta tal-identita' numru 504743(M)**

**U**

**John Magro ta' 52 sena, iben Emanuel u Lilian nee' Cauchi,**
**imwieled Victoria (Gozo), fl-20 ta' Awwissu, 1955 u li joqghod 108, Triq ir-Repubblika, Victoria, (Gozo), detentur**
**tal-karta tal-identita' numru 50955(G)**

**U**

**Michael Magro ta' 51 sena, iben Emanuel u Lilian nee' Cauchi,
imwieled Victoria (Gozo), fit-18 ta' Settembru, 1956 u li joqghod
'St Mary', Triq il-Kastell, Victoria, (Gozo), detentur
tal-karta tal-identita' numru 52156(G)**

**U**
**Victor Curmi ta' 36 sena, iben Carmel u Rose nee' Galea,
imwieled Victoria (Gozo), fit-8 ta' Gunju, 1971 u li joqghod
24, Triq Dun Vincenz Cauchi, Xaghra, (Gozo), detentur
tal-karta tal-identita' numru 14771(G)**

**U**

**Christian Magro ta' 28 sena, iben John u Lynn (Carmela) nee' Camilleri,
imwieled Attard, fit-22 ta' Gunju, 1979 u li joqghod
The Penthouse, Triq ir-Repubblika, Victoria, (Gozo), detentur
tal-karta tal-identita' numru 332979(G)**

**Il-Qorti,**

1) Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija Ronald M. Galea, John Magro u Michael Magro fil-kapacita' taghhom ta' Diretturi ta' Magro Brothers (Foods) Limited, Victor Curmi fil-kapacita' tieghu ta' Production Manager fl-istess kumpanija u Christian Magro fil-kapacita' tieghu ta' Operations Manager fl-istess kumpanija, li gew akkuzati talli nhar il-5 ta' Gunju, 2007 matul il-gurnata u fil-granet naqsu milli jharsu s-sahha u sigurta' tal-impjegati, kif ukoll

tal-persuni kollha li jistghu jigi affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u naqas milli jiehu l-mizuri necessarji kollha sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragonevolment prattiku fejn weggha u sofra feriti gravi impjegat u cioe' Kevin Theuma u dan ai termini tal-Artikoli 6(1), (2) u (3) ta' l-att 27/2000 Kap 424:

2) Akkuzati wkoll talli bhala persuni li jhaddmu fl-istess lok, hin u cirkostanzi naqsu li jiehdu l-mizuri mehtiega biex jizguraw li l-apparat tax-xoghol ghad-dispozizzjoni tal-haddiema fl-intrapriza u, jew l-istabbiliment innifsu jkunu adatti ghax-xoghol li jkun se jitwettaq jew adatti kif imiss ghall-iskop u jkunu se jintuzaw mill-haddiema minghajr perikolu ghas-sigurta' taghhom. Naqsu wkoll fl-ghazla tal-apparat tax-xoghol li huwa jipproponi li jintuza, min ihaddem ghandi jaghti kaz tal-kundizzjonijiet u l-karatteteristici specifici tax-xoghol kif ukoll tal-perikoli li jezistu fl-intrapriza u, jew l-istabbiliment, b'mod specjali fil-post tax-xoghol, ghas-sigurta' u s-sahha tal-haddiema, u, jew kullperikolu addizzjonali li li jirrizulta mill-uzuz ta' l-apparat in kwistjoni, fejn ma jkunx kollox possibli li jigi hekk zgurat li l-apparat tax-xoghol jista' jintuza minghajr riskju ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddierma, min ihaddem ghandu jiehu l-mizuri biex jimminimizza dawk ir-riskji u dan ai termini ta' l-artikoli 3 (1) (a) (b) (2) ta' A.L. 282/04;

3) U aktar talli bhala persuni li jhaddmu fl-istess, lok u cirkostanzi naqsu li jakkwistaw u, jew juzaw u, jew jippermettu li jintuza apparat tax-xoghol li jkun diga' gie provdut lill-haddiema fl-intrapriza u, jew stabbiliment sat-30 ta' April 2004 ikun jaqbel mal-bzonnijiet minimi u dan ai termini ta' l-artikolu 4 (1) (b) ta' l-A.L. 282/04;

4) Akkuzati wkoll talli persuni li jhaddmu fl-istess lok, hin u cirkostanzi naqsu li jiehdu l-mizuri mehtiega biex jizguraw li l-haddiema jkollhom ghad-dispozizzjoni taghhom informazzjoni adegwata u, meta jkun mehtieg, struzzjonijiet bil-miktub dwar l-apparat tax-xoghol li jintiza xogholhom. L-informazzjoni u l-istruzzjonijiet bil-miktub ghandu mill-inqas ikun fihom informazzjoni adegwata dwar is-sahha u s-sigurta' il-kundizzjonijiet tal-uzu ta' l-apparat tax-xoghol, sitwazzjonijiet mhux normali prevedibbli u l-konkuzzjonijiet li tasal ghalihom mill-

esperjenza, meta jkun adatt, bl-uzu ta' l-apparat tax-xoghol. Il-haddiema ghandhom ikunu mgharrfa bil-perikoli jiffaccaw, bl-apparat tax-xoghol li jinsab fl-inhawi jew fus is-sit tax-xoghol, u b'kull bidla li tista' tolqathom, sakemm dan ikun jolqot l-apparat tax-xoghol li jingieb fl-inhawi jew fuq is-sit tax-xoghol, fil-vicinanzi taghhom, anke jekk huma ma juzawx dak l-apparat direttament. L-informazzjoni u l-istruzzjonijiet bil-miktub ghandhom jiftiehmu sew mil-haddiema nvoluti u dan ai termini tasl-artikoli 8( 1) (2) (a) (b) (3) (4) ta' l-A.L. 282/04;

5) Akkuzati wkolll talli bhala persuni li jhaddmu fl-istess lok, hin u cirkostanzi, naqsu li jiehdu l-mizuri biex jizguraw li dawk il-haddiema li jinghataw l-inkarigu li juzaw apparat tax-xoghol, jinghataw tahrig edegwat inkluz tahrig dwar kull riskju li dak l-uzu jista' jkun jinvolvi u dan ai termini ta' l-artikoli 9 (a) (b) ta' l-A.L. 282/04;

6) Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jizguraw s-sahha u s-sigurta' tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol, jaghmlu arragamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monituragg, u rivista' tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidraw in-natura u d-daqs tal-impriza u jiehu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-igurta' fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan jipprevenu riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdu informazzjoni u tahrig kif mehtieg u dan ai termini ta' l-artikoli 4 (1) (2) (3) ta' l-A.L. 36/03;

7) Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli wara li jikkunsidraw in-natura tal-attivitajiet tal-impriza u, jew tal-istabbiliment, jiddetifikaw l-perikli fuq il-post tax-xoghol u jevitaw riskji ghas-sahha u sigurta', jevelwaw dawk ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema li ma jistghux jigu evitati u jikkontrollawhom mill-bidu u jaddattaw ix-xoghol, l-ghazla tat-tghammir tax-xoghol u l-ghazla tal-metodi tax-xoghol u tal-produzzjoni, bil-hsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xoghol u monotonu u xoghol b'rata determinate minn qabel u li jitnaqqas l-effett taghhom fuq is-sahha u an ai termini ta' l-artikoli 5 (1) (i) (ii) (iii) ta' l-A.L. 36/03;

8) Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu u ta’ kull persuna li tahdem ghal rasha, naqsu li jaghmlu, jew li jizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta’ kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita’ tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta’ tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta’ l-artikolu 10(1) tal-A.L. 36/03;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi mismugha mill-Qorti, irrizulta illi Kevin Theuma li kien impjegat mas-socjeta’ Magro Brothers (Foods) Limited korra fuq il-post tax-xoghol meta kien qieghed ihaddem *industrial food mixing machine*. Garra illi hekk kif Theuma mar sabiex inaddaf ir-*residue* li jkun fadal f’din il-magna huwa dahhal idejh fil-magna u tajjar it-tieni sebgha tal-id ix-xellugija. Dana sehh peress illi l-magna baqghet iddur ghal xi ftit sekondi wara illi Theuma ighid li kien tefa’ l-istess bil-konsegwenza ghalhekk illi meta dahhal idejh huwa sefa’ mwegga’;

Illi rrizulta mill-provi, mhux kontestat mid-difiza, illi l-magna kellha madwar ghoxrin (20) sena. Kienet inxtrat *second hand* mill-Italja madwar hmistax (15)-il sena qabel. Illi minhabba l-eta’ ta’ dina l-magna, kellha tigi *upgraded* skont il-Ligi, haga li l-kumpanija kienet ghadha ma ghamlitx. Inoltre rrizulta illi lanqas biss kien ghadu sar fuqha ir-*risk assessment* kif titlob il-Ligi ghalkemm dana kien sar fuq magni ohra uzati mill-kumpanija;

Fil-fatt kif jirrizulta mix-xhieda tal-Inginier Paul Cardona u ta' Charles Micallef jidher illi sabiex il-magna toffri s-sigurta' kollha ghal min ikun qed ihaddimha, kien hemm bzonn li jsiru sensiela ta' modifiki fuq l-istess, liema modifiki fil-fatt saru mill-kumpanija wara li sehh l-incident mertu ta' din il-kawza. Irrizulta fost affarijiet ohra illi l-magna ma kenitx mghammra *b'cut out and emergency switch,* l-ghatu kien jinfetah manwalment u mhux pnewmatikament. L-ghatu kien tqil biex wiehed jerfghu u l-magna ma kinitx tieqaf mill-ewwel hekk kif wiehed jgholli l-ghatu. Fil-fatt l-impjegati kienu mghotija struzzjonijiet (kif jixhed l-istess Kevin Theuma) sabiex jistennew ftit sekondi qabel ma jibdew inaddfuha;

Illi d-difiza tressaq bhala prova l-fatt illi l-impjegati kienu gew mghotija struzzjonijiet cari ta' kif kellha tintuza l-magna u wkoll gew mharrga fl-uzu tal-istess. Ipproducew dokumenti minn fejn jirrizulta illi Kevin Theuma fil-fatt kien ha dan it-tahrig, oltre *booklets* li kienu jitqassmu lill-impjegati bi struzzjonijiet dwar kif ghandhom juzaw il-magni;

Maghdud dana kollu jirrizulta illi fil-gurnata ta' l-incident Kevin Theuma kien ircieva ordni mis-*supervisor* tieghu Victor Curmi sabiex jahdem fuq il-magna minghajr ma tah l-ebda struzzjonijiet qabel. Inoltre jghid illi kien ilu madwar sena ma jahdem fuq dina l-istess magna;

Illi kif gie ritenut fil-kawza deciza mill-Qorti ta'l-Appell kriminali (sede inferjuri) fil-kawza Il-Pulizija va Attard deciza fit-2 ta' Settembru 1999, huwa dover ta' min ihaddem illi mhux biss jaghti tahrig lil haddiema safety equipment, izda ghandu jinsisti ukoll illi dawn is-safety measures ikunu qed jigu segwiti u tipprovdi nies mistharrga ghal ta'l-apposta biex jaraw lid awk il-mizuri jkunu segwiti dejjem.

Ukoll f'sentenza ohra deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alfred Mizzi & Sons (Marketing) Limited inghad: " Min ihaddem ghandu jinzamm responsabbli meta ma jehux hsieb li

jipprovdi ambjent li jassikura s-sahha tal-haddiem u jrid ukoll jipprevedi u jipprovdi ghal fatt li l-haddiem ghandu tendenza li jittraskura r0riskji inerenti fix-xoghol tieghu.”

Ghaldaqstant mill-provi johrog car illi l-imputati ma kinux qed joffru *a safe working environment* ghall-impjegati taghhom u mhux bizzejjed illi wiehed ikun gie mghoti struzzjonijiet jew tahrig ghaliex jekk il-magna in kwistjoni ma hjiex qed toffri s-sigurta’ kollha lil min ikun qed ihaddimha, allura l-ebda struzzjonijiet jew tahrig ma jista’ jiswa ghaliex toqghod attent kemm toqghod attent il-magna jkun fiha d-difetti taghha li jridu jigu msewwija skont il-Ligi. Li kieku l-magna kienet *compliant* kif trid il-Ligi b’ghatu li jinfetah biss meta l-magna tkun kumpletament stazzjonarja, li kieku l-incident kien jigi evitat;

Illi jirrizulta illi l-imputati Victor Curmi u Christian Magro kellhom il-kariga fi zmien l-incident ta’ Production u Operatiobns Manager rispettivament u ghalhekk il-Qorti ma hijiex ser tapplika l-istess piena fil-konfornt taghhom bhal dik ta’l-imputati l-ohra.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 6(1)(2) u (3) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta’ Malta u ir-regolamenti 3(1)(a)(b), (2), regolament 4(1)(b), regolament 8(1)(2)(a)(b)(c)(3) u regolament 9(a)(b) ta’l-Avviz Legali 282/2004, regolament 4(1)(2)(3), regolament 5(1)(i)(ii)(iii) u regolament 10(1) ta’l-Avviz Legali 36/2003, ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi u tikkundanna lill-imputati Ronald M. Galea, John Magro u Michael Magro multa ta’ elfejn u hames mitt ewro (€2500) kull wiehed u lill-imputati Victor Curmi u Christian Magro multa ta’ elf ewro (€1000) kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------